# Ħsieb għax-xahar ta' Diċembru

Matul l-Avvent tajjeb li nitħarrġu fil-virtujiet sabiex fuq l-eżempju ta' Sidtna Marija aħna nilqgħu lil Sidna Ġesù Kristu fil-qlub tagħna. Tlett virtujiet fundamentali huma l-umiltà, il-fidi u l-ispirtu ta' qadi. Sidtna Marija hija xempju ta' dawn il-virtujiet. Biżżejjed naraw it-tħabbira tal-Anġlu u ż-żjara lil Eliżabetta. Ħafna drabi, matul dan iż-żmien, nitkaxkru mill-kurrent u nispiċċaw naħlu ħafna ħin fix-xiri tar-rigali, tiżjin u thejjijiet ta' ikliet u nitraskuraw l-iskop ewlieni tal-Avvent, jiġifieri li nħejju l-qlub tagħna sabiex Ġesù jsib post fejn jitwieled ġewwa fina. Nhar it-twelid tiegħu Ġesù ma sabx post fil-lukandi, mhux għax ma ridux jilqgħuh, imma għax kienu mimlijin b'nies oħra. Tajjeb li nagħmlu ftit eżami tal-kuxjenza u naraw x'post għandu Ġesù f'ħajjitna. Qed jibqalna ħin għal Ġesù? Jew għandna ċans għal kollox u għal Ġesù ma nisbux? X'inhuma l-prijoritajiet tagħna? Sabiex noħolqu f'qalbna post għal Ġesù jeħtieġ li nwarrbu xi affarijiet oħra, li qed jeħdulu postu.

***Fr Ivan Attard O.P.***

Fit-8 ta' dan ix-xahar niċċelebraw is-Solennità tal-Immakulata Konċezzjoni. Il-Papa Piju IX iddefinixxa din id-dutrina uffiċjalment fl-1854, u b'hekk saret Domma tal-Fidi; dan ma jfissirx li il-Knisja 'ivvintat' din id-dutrina f'din is-sena. It-twemmin fil-kunċizzjoni immakulata ta' Marija kien diġa jagħmel parti mid-devozzjonijiet tal-kattoliċi imma il-Papa, li kien devot kbir tal-Verġni Imbierka, fl-1854 ried li jispira lill-kattoliċi biex it-twemmin tagħhom f'din id-dutrina jikber aktar. Aħna ilkoll nitwieldu bl-effetti tad-dnub oriġinali u għandna bżonn il-Grazzja t'Alla biex insalwaw. Marija ukoll, bħala bniedma, kellha bżonn l-istess Grazzja, imma hi irċevietha mal-konċepiment tagħha biex ma messitx mad-dnub oriġinali. U din hi it-tifsira ta' kliem Marija quddiem l-Anġlu Gabriel "l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi" – l-espressjoni tal-ferħ tagħha għal mod tal-għaġeb li bih il-Mulej kien salva lill-ruħha.



***Kollox jista' jinbidel, Mulej Alla,***
***l-aqwa li aħna jkollna l-għeruq tagħna fik***

# Regia ta' Malta
# Bullettin Leġjunarju

**Novembru 2024**

## Prattika Spiritwali

## Sinjur ġib il-Paċi

Franġisku għex fi żmien il-gwerra u dejjem igħid li l-paċi hija barka t'Alla. Marjanna dejjem taqbad ma' ħuha ikbar minnha u ma tħallihx bi kwietu. Dawn l-aħħar xhur rajna xeni ta' gwerra, ta' qtil, ta' qerda bla sens f'diversi pajjiżi. Ħassejna l-biża'li l-gwerra tinfirex bħal nar misjuq mir-riħ. Emminna li l-gwerra, festa tax-xitan, hija falliment għal kulħadd u tkebbes ir-rabja, il-mibegħda u t-tpattija.Il-gwerra taf il-bidu tagħha fil-qalb tal-bniedem fejn jonfru l-passjonijiet, l-emozzjonijiet u l-frustrazzjonijiet. Hemm min la għandu paċi f'qalbu u lanqas iħalli fil-paċi lil ħaddieħor. Kultant niltaqgħu ma' gwerra sħiħa fil-familji, bejn l-istess aħwa. 'Fid-dar fejn tidħlu l-ewwel għidu 'Is-sliem lil din id-dar' Lq.10,5. Il-leġjunarju li jgħix il-manswetudni u jrażżan il-kilba għal dejjem aktar, kontinwament jitlob lis-Sultana tal-Paċi li jkun strument tal-paċi għal dawk ta' madwaru.

**Iddiskuti:**

**1.Kultant fil-praesidia tagħna ukoll tista' tinbet gwerra bierda frott ix-xitan. Tagħżel li titlaq, li tagħlaq ħalqek u żżomm il-gwerra tbaqbaq ġo fik jew tiddiskuti bir-rispett u l-edukazzjoni?**
**2. Xiħadd qal: 'Biex iżżomm il-paċi kultant trid tmut'. Iddiskuti.**

**Dun Karm Gauci**

**Intenzjoni tal-Papa għax xahar ta' Novembru**
***Għal min tilef it-tarbija***



Nitolbu sabiex il-ġenituri kollha li jibku t-telfa ta' binhom jew ta' binthom isibu għajnuna mill-komunità tagħhom u jirċievu l-paċi tal-qalb mill-Ispirtu tal-faraġ.

***Laqgħa ta' tagħlim Sibt 23 ta' Novembru fil 5 p.m, Dar tal-Leġjun***
***Laqgħa tal PPC u tifkira ta' Frank Duff***
***16 ta' Novembru fil 4 p.m. għand is Little Sister of the Poor***